# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 480

Volum 64

Edizzjoni bil-Malti — Informazzjoni u Avviżi — 29 ta' Novembru 2021

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2021/C 480/01 — Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10498 — LIBERTY GLOBAL / INFRAVIA / LIBERTY NETWORKS GERMANY) ([1]) ..... 1

2021/C 480/02 — Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10461 — OTPP / BROOKFIELD / OMERS / SGN) ([1]) ..... 2

2021/C 480/03 — Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10505 — CKA / CKI / UKPN) ([1]) ..... 3

2021/C 480/04 — Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10474 — NESTE / RAVAGO / JV) ([1]) ..... 4


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2021/C 480/05 — Rata tal-kambju tal-euro — Is-26 ta' Novembru 2021 ..... 5

2021/C 480/06 — Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) *(Ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006)* ([1]) ..... 6

2021/C 480/07 — Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni ..... 7


**MT**

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

2021/C 480/08 Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni ... 8

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 480/09 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10536 — TotalEnergies/Three Gorges Corporation/JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata [1] ... 9

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.10498 — LIBERTY GLOBAL / INFRAVIA / LIBERTY NETWORKS GERMANY)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 480/01)

Fit 22 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32021M10498. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.10461 — OTPP / BROOKFIELD / OMERS / SGN)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 480/02)

Fit 22 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32021M10461. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Il-Każ M.10505 — CKA / CKI / UKPN)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 480/03)

Fit 23 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32021M10505. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.10474 — NESTE / RAVAGO / JV)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 480/04)

Fit 16 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32021M10474. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro (1)

**Is-26 ta' Novembru 2021**

(2021/C 480/05)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,1291 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4397 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 128,82 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 8,8045 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4365 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6538 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,84620 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5470 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,2600 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 348,90 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,0446 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 18,2448 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 147,40 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,2149 |
| NOK | Krona Norveġiża | 10,1613 | HRK | Kuna Kroata | 7,5228 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 16 248,69 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,662 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,7863 |
| HUF | Forint Ungeriż | 368,56 | PHP | Peso Filippin | 56,997 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,7117 | RUB | Rouble Russu | 84,9702 |
| RON | Leu Rumen | 4,9498 | THB | Baht Tajlandiż | 38,006 |
| TRY | Lira Turka | 13,7642 | BRL | Real Brażiljan | 6,3286 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5795 | MXN | Peso Messikan | 24,4974 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 84,5395 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)

*(Ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 [1])*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 480/06)

## Deċiżjoni li tagħti awtorizzazzjoni

| Referenza tad-Deċiżjoni [1] | Data tad-Deċiżjoni | Isem is-sustanza | Detentur tal-awtorizzazzjoni | Numru tal-awtorizzazzjoni | Użu awtorizzat | Data ta' skadenza tal-perjodu ta' rieżami | Raġunijiet għad-Deċiżjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| C(2021) 8269 | 22 ta' Novembru 2021 | Trijossidu tal-kromu<br>Nru KE 215-607-8,<br>Nru CAS 1333-82-0 | ThyssenKrupp Electrical Steel GmbH Kurt-Schumacher-Straße 95, 45881, Gelsenkirchen, Northrhine-Westphalia, il-Ġermanja<br>Thyssenkrupp Electrical Steel UGO S.A.S.,<br>Rue Roger Salengro, 62330 Isbergues, Franza | REACH/21/3/0<br>REACH/21/3/1 | Bħala trattament tas-superfiċe għall-manifattura ta' azzar elettriku orjentat fuq fili li jintuża fil-qalba manjetika ta' transformers bi prestazzjoni għolja u apparati elettromanjetiċi relatati | 31 ta' Diċembru 2029 | F'konformità mal-Artikolu 60(4) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-benefiċċji soċjoekonomiċi huma akbar mir-riskju għas-saħħa tal-bniedem mill-użu tas-sustanza u ma hemm l-ebda sustanza jew teknoloġija alternattiva adattata. |

[1] Id-Deċiżjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: Awtorizzazzjoni (europa.eu)

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

## Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2021/C 480/07)




*Il-wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida taż-żewġ euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Istat tal-Belt tal-Vatikan*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom *status* ta' valuta legali fiż-Żona tal-Euro. Biex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ([1]). F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ([2]), l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-żewġ euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-żewġ euro, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

**Il-pajjiż tal-ħruġ:** L-Istat tal-Belt tal-Vatikan

**Is-suġġett tal-kommemorazzjoni:** Is-seba' mija u ħamsin anniversarju mill-mewt ta' Dante Alighieri

**Id-deskrizzjoni tad-disinn:** Id-disinn fih ritratt ta' Dante u l-*Palazzo Vecchio* f'Firenze. Fuq nett fil-lemin, f'nofs ċirku, hemm l-isem tal-pajjiż tal-ħruġ "CITTÀ DEL VATICANO". Fil-qiegħ hemm l-iskrizzjoni "Dante" u taħtha hemm is-snin "1321-2021" u l-isem tad-disinjatur "P. DANIELE".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**L-għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu:** 86 000

**Id-data tal-ħruġ:** F'Ottubru 2021

---

([1]) Ara l-ĠU C 373, 28.12.2001, pp. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

([2]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji-gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, pp. 52).

**Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2021/C 480/08)




*Il-wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida taż-żewġ euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Istat tal-Belt tal-Vatikan*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom *status* ta' valuta legali fiż-Żona tal-Euro. Biex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ([1]). F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ([2]), l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-żewġ euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-żewġ euro, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

**Il-pajjiż tal-ħruġ:** L-Istat tal-Belt tal-Vatikan

**Is-suġġett tal-kommemorazzjoni:** L-erba' mija u ħamsin anniversarju mit-twelid ta' Caravaggio.

**Id-deskrizzjoni tad-disinn:** Id-disinn fih tifel b'basket mimli frott, impitter minn Caravaggio. Fuq nett, f'nofs ċirku, hemm l-isem tal-pajjiż tal-ħruġ "CITTÀ DEL VATICANO". Fix-xellug hemm il-marka taz-zekka "R". Fil-qiegħ hemm l-iskrizzjoni "CARAVAGGIO" u taħtha hemm is-snin "1571-2021". Fil-qiegħ fil-lemin hemm l-inizjali tad-disinjatriċi Chiara Principe, "CP".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**L-għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu:** 86 000

**Id-data tal-ħruġ:** Fl-1 ta' Ġunju 2021.

---

([1]) Ara l-ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

([2]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji-gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.10536 — TotalEnergies/Three Gorges Corporation/JV)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 480/09)

1. Fid-19 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— TotalEnergies S.E. ("TotalEnergies", Franza),

— Three Gorges Corporation ("3G", iċ-Ċina),

— JV (iċ-Ċina).

TotalEnergies, permezz ta' Total (China) Investment Co., Ltd ("Total China") u 3G, permezz ta' Three Gorges Capital Holdings Co. Ltd u Three Gorges Electric Energy Co. Ltd, jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-impriża bi sħab (joint venture, JV).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— TotalEnergies: kumpanija tal-enerġija wiesgħa kkwotata fil-Borża bil-kwartieri ġenerali tagħha f'Pariġi. Total China, sussidjarja kollha kemm hi proprjetà ta' TotalEnergies, tħaddem negozju f'diversi setturi fiċ-Ċina, inklużi l-esplarazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u l-gass naturali, l-enerġiji rinnovabbli (pereż. l-enerġija solari), ir-raffinar u l-kimiċi eċċ.,

— 3G: intrapriża Ċiniża li hija proprjetà esklużiva tal-istat (state-owned enterprise, "**SOE**"), bil-kwartieri ġenerali tagħha f'Wuhan, iċ-Ċina. 3G hija primarjament attiva fl-iżvilupp, il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' proġetti tal-enerġija idroelettrika u proġetti oħra tal-enerġija rinnovabbli, bħall-enerġija mir-riħ, l-enerġija solari u l-użu tar-riżorsi tal-ilma. 3G hija finalment miżmuma u ssorveljata mill-Kummissjoni għas-Superviżjoni u l-Amministrazzjoni tal-Assi tal-Istat tal-Kunsill tal-Istat taċ-Ċina,

— JV: ibbażata f'Wuhan, il-Provinċja ta' Hubei, iċ-Ċina, se tinvesti f'network żgħir ta' ċċarġjar għall-vetturi elettriċi, tibnih u tħaddmu, u li tinvolvi ruħha f'servizzi ta' pjattaforma tal-iċċarġjar ta' terzi persuni. Hija se tkun attiva f'Wuhan u Yichang u potenzjalment fi provinċji oħra fiċ-Ċina fil-futur.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10536 — TotalEnergies/Three Gorges Corporation/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT